# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Numru: 359/15 CSH**

**Rita Bezzina (274829M), Vincent Bezzina (461656M), Josephine Faenza (295458M) Antonia Attard (431555M), Jeanette Abela (86469M), Mario Bezzina (571161M), Grazia Bezzina 98230M), Victor Borg (554922M), Joseph Ghigo (364143M), Saviour Vassallo (481244M), Maria Vassallo (671942M), Carmelo Vassallo (656138M), Doris Vassallo (143643M), Paul Vassallo (951746M), George Vassallo (767448M), Dennis Vassallo (429468M), Jesmond Vassallo (262464M)**

**Vs**

**Dr. Johann Debono**

**Illum 27 ta' April, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti Rita Bezzina et nhar l-1 ta' Dicembru, 2015, fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' sitt elef u hames mitt Ewro (€6500) bhala rifuzjoni ta' flus li hadilhom wara l-proceduri "Bezzina vs Busuttil", Cit. Nru.: 1025/03JRM deciza fit-23 ta' Novembru, 2011, liema somma flus ittiehdet inutilment kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 11 ta' Novembru, 2014, bl-imghax sal-hlas u b'hekk il-konvenut jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Avukat Dr. Johann Debono, detentur tal-katra tal-identita' numru 466881(M) espona bir-rispett filwaqt li eccepixxa s-segwenti:

*"Illi fl-ewwel lok, jigi eccepit illi l-pretensjonijiet flimkien mat-talba tal-Atturi odjerni, fil-mertu huma infondati in toto fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' din il-vertenza;*

*Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, jigi rilevat u ccarat illi bhala l-Avukat precedenti tal-Atturi, huwa rebah kawza litigjuza fl-ismijiet ta' Bezzina Carmel et vs Busuttil Carmelo (Kawza Riferenza Nru. 1025/2003) deciza fit-23 ta' Novembru 2011). Illi b'mod sussegwenti ghal din il-kawza hekk mirbuha, is-sidien kollha proprjetarji tal-Art li tinsab f'Tas-Sghajtar, fil-limiti tal-Mosta, inkarigaw strettament lill-esponenti, sabiex ikun jista' jikteb diversi ittri legali li finalment waslu wkoll sabiex isir Protest Gudizzjarju sabiex huma jkunu jistghu mhux biex jithallsu ghall-ispejjez li kienu kawtelati lilhom fil-kawza surreferita minn Busuttil Carmelo, izda wkoll riedu illi, jirkupraw kumpens dovut lilhom akkosta kollox stante illi l-Art in kwistjoni kienet qed tigi okkupata illegalment mill-mument illi nfethu l-proceduri litigattivi fis-sena 2003. Kopji tal-ittri legali kif ukoll tal-Protest Gudizzjarju in kwistjoni fost ohrajn ser jigu ezebiti matul il-perkors ta' dawn il-proceduri;*

*Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u sabiex ikun hemm kjarezza assoluta, jigi ccarat illi l-esponenti qua l-Avukat ta' Fiducja in rapprezentanza legali tal-Atturi f'din il-kawza surrefereita kien jirraprezenta lil dawn il-klijenti u cioe lil Rita Bezzina, detentrici tal-karta tal-identita' numru 274829M, l-aventi causa tar-ragel taghha Carmel Bezzina, u cioe Antonia Attard, detentrici tal-karta tal-identita' numru 431555; Vincent Bezzina, detentur tal-karta tal-identita' numru 461656M; Josephine Faenza, detentrici tal-karta tal-identita' numru 295458M; Mario Bezzina, detentur tal-karta tal-identita' numru 571161M u Jeanette Abela, detentrici tal-karta tal-identita' numru 86469M; Grace Bezzina,*

*detentrici tal-karta tal-identita' numru 98230M; Victor Borg, detentur tal-karta tal-identita' numru 554922M; Joseph, detentur tal-karta tal-identita' numru 692936M u Giorgia, detentrici tal-karta tal-identita' numru 364143M mizzewgin Ghigo; Salvatore, detentur tal-karta tal-identita' numru 481244M u Maria, detentrici tal-karta tal-identita' numru 671942M mizzewgin Vassallo; Carmelo, detentur tal-karta tal-identita' numru 656138M u Doris, detentrici tal-karta tal-identita' numru 143642M mizzewgin Vassallo; Paul Vassallo, detentur tal-karta tal-identita' numru 951746M; George, detentur tal-karta tal-identita' numru 767448M u Salvina, detentrici tal-karta tal-identita' numru 869648M mizzewgin Vassallo; Jesmond, detentur tal-karta tal-identita' numru 262464M u Caroline, detentrici tal-karta tal-identita' numru 616564M mizzewgin Vassallo; Dennis Vassallo, detentur tal-karta tal-identita' numru 429468M;*

*Illi fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, jigi ccarat illi din il-kawza fid-dicitura taghha tirreferi kategorikament ghal rifuzjoni ta' ammont ta' flus rapprezentanti s-somma ta' sitt elef, u hames mitt Ewro (EUR6,500.00) illi di piu' tirraprezenta somma illi allegatament qed jigi stabbilit illi ttiehdet mill-esponenti 'inutilment'. Jigi allura eccepit u ccarat, illi ikun bil-wisq ingust u bil-wisq sfaccat illi jinghad dan kollu mill-Atturi, meta huma specifikament inkarigaw lil esponenti qua Avukat ta' Fiducja taghom sabiex jaqdi dmir professjonali specifiku, dak li kemm jista' jkun jintlahaq an out of Court settlement fuq kumpens li kellu jigi moghti lilhom minn Carmelo Busuttil fl-okkupazzjoni illegali ta' din l-Art li tinsab f'Tas-Sghajtar, fil-limiti tal-Mosta, u nel frattemp, u fl-istess waqt illi jipprepara dak li legalment u gudizzjarjament kien jinnecessita fuq binarju kuntenzjuz u litigattiv, inkluz ricerki u rapport peritali sabiex issir kawza ad hoc fuq din il-bazi, u cioe', fuq il-bazi tal-kumpens li huma riedu jiehdu minghand Carmelo Busuttil fl-okkupazzjoni illegali tieghu. Fuq dan l-inkarigu, l-esponenti bi qbil unanimu kien offra li jithallas ammont meqjus ta' flus sabiex kemm jista' jkun isir process ta' xoghol fuq firxa ta' zmien sabiex l-Atturi jevitaw illi jidhlu f'proceduri ta' kawza, u kien ghahekk illi l-Avukat kien dahal u accetta dan l-inkarigu u hadem bi shih u fuq hinijiet twal ghalih. Ghalhekk, ix-xoghol professjonali u l-hlas li sar ghalih kien gustifikat fil-fatt u fid-dritt tenut kont tal-qbil li sar mill-Atturi*

*meta effettivament hallsu l-ammont ta' qabel beda x-xoghol li ghamel l-Avukat Dr. Johann Debono.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-ingunzjoni wkoll tal-atturi."*

Rat illi fis-6 ta' April, 2016 xehed **Martin Castillo**. Huwa ddikjara kellhom kawza fl-ismijiet Bezzina vs Busuttil Cit. Numru 1025/03, li kienet tinstema' quddiem l-Imhallef J. R. Micallef u li giet deciza fit-23 ta' Novembru, 2011. F'dik il-kawza huma kienu qeghdin jigu patrocinati minn Dr. Mark Chetcuti li eventwalment gie elevat ghal Imhallef. Sussegwentement bdew ikunu assistiti minn Dr Johann Debono. Castillo ddikjara li kull meta ntalbu jaghmlu xi hlas minn Dr. Chetcuti, filfatt huma kienhu hallsuh. Kompla li dakinhar li nqatghet il-kawza, kienu rcevew telefonata minghand Dr Johann Debono fejn talabhom biex ihallsu s-somma ta' sebat elef u hames mitt Ewro (€7500). Hu kien staqsa ghal xiex kienu dovuti dawn il-flus u Dr. Debono qallu li kienu dovuti sabiex ikunu jistghu jirrendu ezekuttiva s-sentenza moghtija mill-Qorti. Ghaldaqstant taw din is-somma lil Dr Johann Debono, pero' ricevuta ma nghatawx. Sostna li hu dejjem talab li jkun jaf ta' xiex kien qed ihallas.

Ikkonferma illi l-kawza effettivament kienu rebhuha w zied li naturalment huwa - kwa amministratur - kellu jaghti rendikont lin-nies l-ohra. Spjega li kiena dam xi sentejn jigri wara Dr. Johann Debono biex itih sodisfazzjon ta' dawn il-flus li kien tah. Sussegwentement kienu pprezentaw rapport quddiem il-Kummissjoni dwar l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, fejn ressqu l-ilment taghhom fil-konfront ta' Dr. Johann Debono. Eventwalment kienu nghataw decizjoni mill-Kummissjoni li effettivament ddecidiet li Dr. Johann Debono kien kiser il-Kodici ta' Etika tal-avukati u filfatt kien gie kkundannat ihallas disa' mitt Ewro (€900). Inoltre l-Kummissjoni kienet iddecidiet li Dr. Debono kellu jzomm elf Ewro (€1000) minnhom u lilu jtih refuzjoni ta' sitt elef u hames mitt Ewro

(€6500). Ikkonferma li talbuh il-flus diversi drabi, sahansitra anke baghtulu ittra ufficjali, pero' cio nonostante baqa' ma tahomx il-flus u lanqas qatt ma tahom risposta.

Illi fis-6 ta' April, 2016 xehed ukoll **Jesmond Vassallo** li kkonferma li huwa kien attur fil-kawza bin-numru 1025/03 quddiem l-Imhallef J. R. Micfallef fl-ismijiet Bezzina vs Busuttil, liema kawza huma kienu rebhu. In segwitu' ghas-sentenza kienu taw is-somma ta' sebat elef u hames mitt Ewro (€7500) lil Dr. Johann Debono li kien beda jippatrocinahom wara li Dr. Mark Chetcuti kien lahaq Imhallef. Zied li Dr. Debono kien qalilhom li din is-somma kellha tintuza ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza. Xi zmien wara jghid li pprezentaw ittra quddiem il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja sabiex jiehdu flushom lura u biex jirraportaw l-agir ta' Dr. Debono, pero' Dr. Debono qatt ma deher quddiem il-Kummissjoni. Il-Kummissjoni kkundannat lil Dr. Debono jhallas multa ta' disa' mitt Ewro (€900) u ddikjarat li kien kiser il-Kodici tal-Etika. Inoltre fis-sentenza taghha l-Kummissjoni kienet issuggeriet li Dr. Johann Debono jzomm elf Ewro minn din is-somma u jirrifondihom lura l-ammont ta' sitt elef u hames mitt Ewro (€6500). Sussegwentement kienu baghtu wkoll ittra ufficjali lill-istess Dr. Johann Debono biex jirrifondihom dan l-ammont, pero' cio' nonostante baqa' ma hallashomx.

Rat illi il-konvenut minkejja li pprezenta l-eccezzjonijiet tieghu ma deherx fl-ebda wahda mis-seduti appuntati mill-Qorti.

Illi minkejja li fis-seduta tat-13 ta' April, 2016 din il-Qorti ddiferiet il-kawza ghall-15 ta' April, 2016 ghall-provi tal-istess konvenut, dan naqas li jidher u jressaq il-provi tieghu.

Illi mill-provi mismugha u cioe' minn dak li qalu Jesmond Vassallo u Martin Castillo jirrizulta illi huma kienu taw flimkien mal-atturi l-ohra, s-

somma ta' sebat elef u hames mitt Ewro (€7500) lil Dr. Johann Debono wara li dan kien cemplilhom li xtaq dak il-pagament sabiex allegatament ikun jista' jesegwixxi s-sentenza li l-istess atturi rebhu skond dokument esebit fl-atti bhala Dok. CSH a fol. 20.

Illi l-konvenut fl-ebda hin ma tahom xi spjegazzjoni adegwata ghal tali hlas u addirittura lanqas biss tahom *breakdown* ghal tali hlas. Illi l-atturi minnufih pero' hallsu dawn il-flejjes lill-konvenut minkejja li jidher li ma kinux dovuti.

Illi Dr. Debono qatt ma ggustifika dan il-pagament li hu rcieva u addirittura anke gie kkundannat mill-Kummissjoni dwar l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja li kellu jirrifondi s-somma ta' sitt elef u hames mitt Ewro (€6500).

Il-Qorti tara li l-agir ta' Dr. Debono hu wiehed kundannabbli u zgur li hu inkompatibbli mad-dinjita' u l-unur tal-professjoni ta' avukat, li jnaqqas gravement mill-fiducja li l-pubbliku ghandu jkollu lejn din il-professjoni.

**Ghaldaqstant il-Qorti tara illi t-talba attrici hi wahda gusta u timmerita li tigi kkonfermata u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas is-somma ta' sitt elef u hames mitt Ewro (€6500) rapprezentanti rifuzjoni ta' flus imhallsa lilu bla bzonn.**

**Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 11 ta' Novembru, 2014, u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok.CSH2.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**